MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Numru 1051/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Cordina)**
**vs**
**Biagio Muscat**
**Twanny Fenech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra
**Biagio Muscat** ta' 49 sena, bin Carmelo u Emmanuela nee' Cassar, imwieled Zejtun nhat it-3 ta' Mejju, 1955, residenti 'Catherine', Triq l-Isqof Zahra, Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 381055(M) u

**Twanny Fenech** ta' 47 sena, bin Emanuel u Anna nee' Tabone, mwieled Tarxien nhar is-7 ta' Novembru, 1957, residenti f'2, Triq il-Blata, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 782657(M);

Billi int Biagio Muscat akkuzat:

1. Talli fil-21 t'Ottubru, 2004 ghall-habta tal-4.35 p.m fiz-Zejtun, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

2. Aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, filwaqt illi minhabba l-kariga jew impjieg tieghek, inti fid-dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamilt jew tajt dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

3. Aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahhalt isem ta' persuna mhux vera, fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli.

4. Aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, bil-hsieb illi xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u taghjt bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghek.

5. Aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tghajt taghrif falz.

6. Aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, bhala persuna licenzjata biex tirrestja mid-Direttur tat-traffiku skond ir-Regolament ta' 1998 'Dwar testijiet biex

jiccertifikaw il-vetturi bil-mutur ikunu tajba ghat-triq’, inqast li tattesta r-rizultat pozittiv ta’ test jew cahda ta’ rizultat pozittiv skond il-kaz, fl-istess data li fiha t-test ikun gie kompletat. Art 19 tal-A.L. 126/1998.

Billi int Twanny Fenech akkuzat talli

7. aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, b’xi mod xjentement ghint jew assistejt lil awtur tad-delitt Biagio Muscat fl-atti li bihom Biagio Muscat ghamel falsifikazzjoni f’atti awtentiku u pubbliku, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

8. aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, b’xi mod xjentement ghint jew assistejt lil awtur tad-delitt Biagio Muscat fl-atti li bihom Biagio Muscat filwaqt illi minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

9. aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, b’xi mod xjentement ghint jew assistejt lil awtur tad-delitt Biagio Muscat fl-atti li bihom Biagio Muscat ghamel falsifikazzjoni b’firem foloz, jew b’tibdil f’atti, fi skritturi, jew f’firem, jew billi dahhal isem ta’ persuna mhux vera, fi skrittura privata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli.

10. aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, b’xi mod xjentement ghint jew assistejt lil awtur tad-delitt Biagio Muscat fl-atti li bihom Biagio Muscat bil hsieb illi xjentement jaghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta

bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

11. aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, b’xi mod xjentement ghint jew assistejt lil awtur tad-delitt Biagio Muscat fl-atti li bihom Biagio Muscat sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta’ taghrif falz.

12. aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, b’xi mod xjentement ghint jew assistejt lil awtur tad-delitt Biagio Muscat fl-atti li bihom Biagio Muscat bhala persuna licenzjata biex jittestja mid-Direttur tat-traffiku skond ir-Regolamenti ta’ 1998 ‘Dwar testijiet biex jiccertifikaw li vetturi bil-mutur ikunu tajba ghat-triq’, naqas li jattesta ir-rizultat pozittiv ta’ test jew cahda ta’ rizultat pozittiv skond il-kaz, fl-istess data li fiha t-test ikun gie kompletat.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati tressqu quddiem din il-Qorti sabiex iwiegbu ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom wara li l-Pulizija waslitilha informazzjoni li fil-VRT testing garage gestit mill-imputat Biagio Muscat kien qed isir VRT test fuq vettura b’dettalji ta’ vettura ohra. Il-Pulizija mill-ewwel accediet fuq il-post izda ma kien qed isir l-ebda test dak il-hin. Minkejja dan, fil-garage kien hemm certifikat tal-VRT dwar Ford Transit JBD 934 u l-imputat ikkonferma li kien ghadu kemm ghamel it-test ta’ dik il-vettura. Din il-vettura kienet tghajjat lil certu Dennis Fenech u ghalhekk l-Ispettur prosekutur mar mill-ewwel ghand dan tal-ahhar li

qal li kien ghadu kemm gej mix-xoghol izda il-vann tieghu kien ipparkjah fejn id-dar filghodu u kien ghadu ma messux. Il-vann kellu dehra mitluqa, kellu il-“grill” kiesah. Dan kellu ukoll il-fanali mcaqalqin, wipers difettuzi u anke xi dawl ma jahdimx. Dak il-hin, Fenech irceiva telefonata u informa lill-Ispettur illi huh kien tella l-vann ghat-test. Aktar tard, Fenech spjega lill-Ispettur illi huwa qabbad lill-huh Twanny Fenech sabiex jara x’hemm bzonn isir fil-vann u jtellghu ghat-test tal-VRT.

Ghalhekk il-Pulizija kellmet lill-Twanny Fenech li fil-mori tal-investigazzjoni stqarr illi huwa kien ha biss il-Log Book tal-vettura lill-imputat xi jumejn qabel u kellu jghaddi ghac-certfikat wara t-test;

Il-prosekuzzjoni esebiet il-VRT test relattiv ghall-vettura JBD-934 kif ukoll ritratti tal-fanali u wipers (ara Dok. JC7). Minn ezami tar-ritratt jidher illi wiehed mill-fanali ta’ quddiem qieghed imwahhal mghawweg u l-indicator ta’ ma’ genbu bil-cover imkisser. Dawn ir-ritratt ittiehdu dakinhar stess u cioe fil-21 ta’ Ottubru 2004, l-istess data tac-certifikat tal-VRT (ara Dok JC8). L-istess certifikat tal-VRT jinkorpora “Testing Outcome” tal-vettura (fol 30). Wiehed mir-rizultati tat-testijiet huwa proprju dwar id-dwal. Fis-sezzjoni “LIGHTS TEST” kollox jidher mmarkat bhala “correct” sia dwar id-dawl tax-xellug kif ukoll dak tal-lemin meta dan ma kienx kompatibbli mal-kundizzjoni tal-vann in kwistjoni, almenu fejn jikkoncerna id-dawl.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk il-fatti ta’ dan il-kaz huma perfettament kompatibbli mal-allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni, liema allegazzjoni jirrizultaw pruvati skond il-grad rikjest mil-ligi. Ghal dawn il-mottivi qed issib lil-imptutati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Rat l-artikoli 183, 184, 185 (2), 187 (1), 188, 41(1)(a) u 42(d) tal-Kap 9, 19 tal-AL 126/1998.

Tikkundannhom ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputati

jikkommettu rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------